## "JUM IS-SIBT FIR-RAHAL"

*(Traduzzjoni ta'* John Michael Testa, *ta' 16-il sena, minn* "Il Sabato del Villaggio" *ta' Giacomo Leopardi)*

Tfajla rahlija ġejja ġà mill-oqsma,
F'inżul ix-xemx sabiħ,
Taħt abtha qattejn għalf, wiżżomm f'idejha
Hodon mimli bil-ward flimkien mal-vjoli;
Sabiex hi kif bħas-soltu,
Tmur thejji biex iżżejjen,
Għall-għada jum ta' festa, ix-xagħ'r wis-sider.
Bil-qiegħda mal-ġirien,
Hemm fuq il-għatba tinseġ qiegħda x-xwejħa :
U tħares lejn il-jum qed igħib, jintilef...
Tfakkar il-ġrajja ta' sbuħet żgħozitha,
Waqt li fil-jum tal-festa drat tiżżejjen,
Waqt li f'saħħitha u ħelwa
Hi kienet tiżfen qalb żagħżugħa, ħbiebha,
Li hija kellha fiż-żgħurija tagħha.
Hekk dlonk jiddallam l-ajru,
Jikħal is-sema, ifeġġ id-dell li nheba
Minn fuq il-bjut u l-għolja,
Għad-dawl ta' qamar illi għadu tiela'......
Jew il-qanpiena tgħarraf
Tal-festa l-jum li ġejja,
Li b'dak il-leħen igħidiek,
Li qalbek tifraħ, tferraħ.
It-tfal fi gzuz igħajtu,
U 'l hawn u 'l hinn dawn jaqbżu.
Jagħmlu għagha ferrieħa.
Bil-qiegħda l-bidwi, ħdejn il-mejda fqajra,
Bl-imgħażqa ħdejh, isaffar,
U ġwejjed jaħseb fl-għada s-serħ minn tiegħu.

Imbagħ'd—hemm meta jitfi kull dawl ieħor,
Kollox f'sikta jaqa';
Tinstema' l-mazza tħabbat, is-serrieq,
Tal-mastrudaxxa, mqajjem
F'ħanut magħluq mixgħul bil-lampa tnemnem,



Ighaġġel, hemm iħabrek,
Sabiex ihejji x-xogħ'l sa sbieħ il-għodwa.

Dan huwa s-seba' u l-isbaħ jum għalina.
Mimli bil-ferħ wit-tama :
Il-għada : b'dieqa u dwejjaq
Mimlija s-siegħa; li għax-xogħ'l tas-soltu
Kull wieħed jaħseb sabiex jerġa' jersaq.

Oh! Tfajjel żgħir daħkani,
Hajtek daż-żmien, imwarrda
Hija bħal għodwa b'dawl u b'ferħ mimlija,
Għodwa ta' skiet u ħemda,
Li qiegħda thejji l-btala għall-ħajja tiegħek.
Ifraħ oh tfajjel : issa ħajtek
Hi safja bħar-Rebbiegħa...
Xejn aktar ngħidlek; iżda l-btala tiegħek
Bid-dewmien tagħha ma tkunlekx ta' sogħba.

---

## L-GĦAR TA' KALIPSU

*Ta'* Mons. Dun Ġużepp Farrugia

Hemm, fejn ir-riħa tal-larinġ utieqa
Tfewwaħ tal-ġonna l-medda s-sena kollha :
Hemm, fejn man-nifs tal-fewġa l-klin jimmolla,
Ixerred riħtu tfuħ ma' kull ċaqliqa :

Hemm, fejn in-naħla 'l ward iżżur mixtieqa
Sabiex l-għasel iġġorr għal ġewwa l-qolla :
Hemm, fejn weraq ir-rand wiċċu 'l fuq għolla
Biex jara 'l mewġ jitbennen bħal ġo nieqa :

Hemmhekk Kalipsu, bint l-allat, nissieġa
Ta' plejju u sagħtar b'ħajt tad-deh'b u fidda,
Nisġet l-għanja ta' mħabba b'qalb Għawdxija.

U l-għanja għanniet, mixgħula daqs ħuġġieġa.
Lill-mewġ, bil-lejl, xħin kien ġa l-qamar idda.
Għax lil min ħabbet hi ma riedx jaf biha.

Għawdex. 12. 2. 48.